

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9167/18

COLAC 32
CFSP/PESC 466
RELEX 450
COPS 170

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9161/18 COLAC 31 CFSP/PESC 465 RELEX 447 COPS 166

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Venezwela, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-VENEZWELA

1. L-UE tfakkar fid-dikjarazzjonijiet preċedenti tagħha dwar il-Venezwela, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE tat-22 ta' Mejju.
2. L-aħħar żviluppi fil-Venezwela biegħdu aktar il-possibbiltà ta' soluzzjoni kostituzzjonali negozjata li tiżgura r-rispett tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem.
3. Minkejja d-diversi sejħiet mill-atturi politiċi nazzjonali u l-komunità internazzjonali, inkluż l-Unjoni Ewropea, għal elezzjonijiet abbażi ta' kalendarju elettorali maqbul u garanziji li jistgħu jiżguraw elezzjonijiet inklużivi u kredibbli, fl-20 ta' Mejju saru elezzjonijiet presidenzjali bikrin flimkien ma' elezzjonijiet reġjonali mingħajr qbil dwar id-data jew dwar il-kondizzjonijiet, u f'ċirkostanzi li ma jippermettux il-parteċipazzjoni tal-partiti politiċi kollha b'mod ugwali.
4. Il-kalendarju elettorali imnaqqas b'mod sostanzjali, projbizzjonijiet u ostakli kbar oħra għall-parteċipazzjoni ta' partiti politiċi tal-oppożizzjoni u l-mexxejja tagħhom, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett tal-istandards demokratiċi minimi kif indikat minn ħafna irregolaritajiet irrappurtati, partikolarment l-abbuż mifruq ta' riżorsi tal-istat, l-isfurzar tal-votanti u l-aċċess mhux ibbilanċjat għall-mezzi tal-komunikazzjoni, wasslu biex dawn l-elezzjonijiet la kienu ħielsa u lanqas ġusti.
5. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-elezzjoni u l-eżitu tagħha ma kellhomx kredibbiltà għaliex il-proċess elettorali ma żgurax il-garanziji meħtieġa għal elezzjonijiet inklużivi u demokratiċi. In-nuqqas ta' dawn il-garanziji ma ppermettewx ukoll li l-UE tippjana kwalunkwe forma ta' osservazzjoni biex jiġi mmonitorjat il-proċess elettorali skont standards rikonoxxuti fuq livell internazzjonali. Għalhekk l-UE ttenni l-ħtieġa għal elezzjonijiet ħielsa u trasparenti li jirrispettaw ir-regoli kostituzzjonali tal-Venezwela.

6. F'dan l-isfond, l-UE tappella biex isiru elezzjonijiet presidenzjali ġodda f'konformità ma' standards demokratiċi rikonoxxuti f'livell internazzjonali u l-ordni kostituzzjonali tal-Venezwela. F'dan il-kuntest, l-UE ser tagħxi b'mod rapidu, f'konformità ma' proċeduri stabbiliti, bil-għan li timponi miżuri restrittivi addizzjonali mmirati u reversibbli, li ma jagħmlux ħsara lill-popolazzjoni tal-Venezwela, li l-UE tixtieq li ttaffi s-sitwazzjoni tagħhom.
7. L-UE ttenni l-ħtieġa għar-rikonoxximent u r-rispett għar-rwol u l-indipendenza tal-istituzzjonijiet kollha eletti demokratikament, b'mod partikolari l-Assemblea Nazzjonali, irrilaxx tal-priġunieri politiċi kollha, u r-rispett tal-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.
8. L-UE tixtieq tibqa' impenjata mal-partijiet ikkonċernati kollha fil-Venezwela u ttenni l-ħbiberija u l-appoġġ tagħha għall-poplu tal-Venezwela. L-UE tinsab lesta tgħin biex tinstab soluzzjoni demokratika għall-kriżi multidimensjonali attwali, permezz ta' negozjati sinifikattivi u orjentati lejn ir-riżultati li jitwettqu b'rieda tajba, u li jinkludu l-atturi politiċi Venezweljani rilevanti kollha. Għal dak il-għan, l-UE ser issaħħaħ il-kuntatt diplomatiku tagħha mal-atturi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali rilevanti kollha, filwaqt li tirrikonoxxi b'mod speċjali l-isforzi mis-sħab tal-Amerka Latina u l-Karibew li offrew l-għajjnuna u l-appoġġ tagħhom għall-proċess biex tingħeleb il-kriżi fil-Venezwela.

9. L-UE hija mħassba ħafna rigward il-ħtiġijiet umanitarji pressanti tal-popolazzjoni, inkluż ta' ħafna ċittadini Ewropej li jgħixu fil-pajjiż, li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti. Il-kriżi li qed tiggrava qed tikkawża migrazzjoni tal-massa li toħloq sfidi għall-komunitajiet ospitanti u għall-istabbiltà reġjonali. L-UE tappella lill-Gvern tal-Venezwela biex jieħu azzjoni minnufih biex itaffi l-impatt tal-kriżi.
10. L-Unjoni Ewropea ser tkompli u ser tintensifika l-appoġġ tagħha għall-popolazzjoni tal-Venezwela, anke fil-pajjiżi ġirien, filwaqt li tappoġġa l-inklużjoni soċjoekonomika tal-Venezweljani u r-reżiljenza tal-komunitajiet ospitanti.
-